TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1135

KAZ NRU. 1376

Fil-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Union Haddiema Maqghudin
(Taqsima Manifattura, Servizzi
u Haddiema Allejati)

u

Sant'Iermu Shipping Co. Ltd.

dwar nuqqas ta' hlas dovut

lill-haddiema.

Data : 31 ta' ~~Gunju~~ Lulju 2000

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

MEMBRI : Is-Sur Maurice Agius

Is-Sur Alfred Mallia Milanes

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 28 ta' Settembru 1999 b'referenza MSP/2/97/24 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 27 (3) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 8 seduti.

Il-Union Haddiema Maqghudin, aktar il-quddiem tissejjah il-Union, kienet rapprezentata mis-Sur Joseph Morana u ghal Sant'Iermu Shipping Co. Ltd., aktar il-quudiem tissejjah il-Kumpanija, deher is-Sur Frank Sammut assistit mill-Avukati Joseph J. Vella u Anthony Vella.

Fl-Istqarrija tal-Kaz il-Union ikkontendiet li hlas kien dovut lill-haddiema bhala overtime ghal xoghol li jinhadem f'festi pubblici skond klawsola 18 tal-Ftehim Kollettiv. Il-Kumpanija sostniet li l-klawsula 18 ma tnehhietx bi zvista meta gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv prezentement fis-sehh ghax fil-fatt l-hlas ta' l-overtime kellu jkun regolat mill-klawsula gdida numru 9 izjed il-quddiem fl-istess Ftehim Kollettiv.

Mix-xhieda u mid-dokumenti ma jirrezultax li qatt kien specifikament miftiehem li ma jsirx hlas ghal overtime fil-Festi Pubblici. Fl-Award tal-Arbitragg datat 27 ta' Awissu 1998, (immarkat Dok AC1) li sar bi qbil bejn il-partijiet, gie deciz li l-Crew jahdmu fuq sistema ta' 1 on 1 off bazata fuq 3 days on 3 days off. Fuq talba tal-Kumpanija c-Chairman tal-Bord ta' Arbitragg pproduca l-minuti tal-laqghat tal-Bord. L-unika referenza relevanti dwar overtime tinsab f'pagna 6 tal-minuti tal-laqgha li saret fit-22 ta' Lulju 1998 fejn hemm imnizzel " Captain Dalli confirmed that the 1 on 1 off system had a package of fixed salary, with no remuneration for overtime hours worked and no additional expenses except the cost of living increase".

Ic-Chairman tal-Bord ta' Arbitragg xehed li kien gie stabbilit mal-partijiet li jiddeciedi fuq tlett punti biss li ebda wahda minnhom ma kienet tikkoncerna hlas ta' overtime fil-Festi Pubblici. Fil-fatt meta l-Kumpanija talbet interpretazzjoni dwar dan ta' l-ahhar l-Bord ta' Arbitragg fit-30 ta' April 1999 (Dok AC1) nfurmaha li din ma kienetx taqa' taht il- gurizdizzjoni tal-Bord.

Mhemmx dubju li is-sistema ta' 1 on 1 off kienet tkopri s-Sibtijiet u l-Hdud izda dan b'ebda mod ma jeskludi li seta' jkun hemm ftehim specifiku dwar Festi Pubblici. Barra dawk it-tlett punti li kellu jiddeciedi l-Arbitragg kull haga ohra kellha tigi miftehma bejn il-partijiet u sussegwentement inkluza fil-Ftehim Kollettiv.

Il-Ftehim Kollettiv ghandu forza legali u jorbot il-partijiet. L-klawsula 18 tifforma parti ntegrali minn dan il-Ftehim . Kull parti fi ftehim ghandha l-obbligu li tifli sewwa dak li se tifferma u li bih se torbot l-Kumpanija u l-haddiema rispettivament.

It-Tribunal ma jistghax jiddeciedi mod iehor hlief li l-Kumpanija hija marbuta li tosserva Klawsula 18 li tifforma parti ntegrali minn Ftehim Kollettiv li ffirmat . Ghalhekk jilqa t-talba tal-Union.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (Erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Maurice Agius
Membru

Alfred Mallia Milanes
Membru

Emma Muscat
A/Segretarja